L-UNIVERSITÀ TA’ MALTA

L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

ĊES

# IL-MALTI

MEJJU 2012

## IR-RAPPORT TAL-EŻAMINATURI

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ- ĊERTIFIKAT
TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

# IR-RAPPORT TAL-EŻAMINATURI TAL-MALTI
# FIL-LIVELL TAĊ-ĊES
# MEJJU 2012

## 1.0 Statistika

It-tabella 1 turi d-distribuzzjoni tal-gradi għall-eżami ta' Mejju 2012:

| Grade | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | U | Abs | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **IIA** | 122 | 446 | 502 | 809 | 478 | 0 | 0 | 255 | 15 | 2627 |
| **%** | **4.6** | **17.0** | **19.1** | **30.8** | **18.2** | **0.0** | **0.0** | **9.7** | **0.6** | **100.0** |
| **IIB** | 0 | 0 | 0 | 163 | 406 | 308 | 261 | 1038 | 147 | 2323 |
| **%** | **0.0** | **0.0** | **0.0** | **7.0** | **17.5** | **13.3** | **11.2** | **44.7** | **6.3** | **100.0** |
| **Total** | 122 | 446 | 502 | 972 | 884 | 308 | 261 | 1293 | 162 | 4950 |
| **%** | **2.5** | **9.0** | **10.1** | **19.6** | **17.9** | **6.2** | **5.3** | **26.1** | **3.3** | **100.0** |

## 2.0 L-Oral

L-Oral tal-Malti fil-Livell taċ-ĊES eżamina kif indikat fis-sillabu, il-ħiliet tal-Malti moqri, mitkellem, u mifhum. Il-kandidati ġew mogħtija ftit minuti biex jippreparaw ruħhom qabel jidħlu quddiem l-eżaminatur. Quddiem l-eżaminaturi l-kandidati (a) qraw silta ta' bejn wieħed u ieħor 150 kelma, (b) fissruha fi kliemhom billi taw il-punti ewlenin tas-silta, (ċ) wieġbu mistoqsija relatata mal-lingwa, u (d) wieġbu tliet mistoqsijiet fuq xi stampa jew stampi marbutin mal-kultura.

Dan jimplika li l-kandidati kellhom jitkellmu l-ħin kollu. Bħas-soltu, is-siltiet għall-qari kienu deskrittivi, narrattivi, argumentattivi, u espożitorji. L-eżaminaturi tal-oral riedu jfittxu u jeżaminaw kemm il-kandidati jaqraw bis-sens silta ta' qari. Imbagħad kellhom jeżaminaw kemm il-kandidati fehmu dak li qraw billi jitolbu lill-kandidati jagħtu fi kliemhom il-punti ewlenin tas-silta. Wara l-eżaminaturi eżaminaw kemm il-kandidati kienu kapaċi jfittxu xi tagħrif lingwistiku mill-istess silta. Dan il-komponent tal-orali wassal biex l-eżaminaturi wara jeżaminaw kemm il-kandidati kienu kapaċi jitkellmu fuq stampi li jittrattaw xi aspetti tal-kultura.

Kien hemm ħafna kandidati li marru tajjeb ħafna; uħud ġabu l-marki kollha tal-komponent tal-oral. Madankollu, bħal dejjem, kien hemm min ma tantx mar daqshekk tajjeb minħabba l-fatt li mal-eżaminaturi nqdew bi kliem, frażijiet u saħansitra b'sentenzi bl-Ingliż, avolja l-kelma Maltija teżisti.

## 3.0 <u>L-Ewwel Karta</u>

L-ewwel karta tindirizza b'mod speċifiku l-abbiltà tal-kandidati fil-qasam tal-lingwa miktuba u mhux mitkellma. Il-komponiment ġenerali huwa l-ewwel taħriġ. Il-kandidati jridu jwettqu dan it-taħriġ dak il-ħin tal-eżami, mingħajr xi tip ta' notamenti studjati għalih. Iridu juru li kapaċi jħaddmu ortografija, issa skont Deċiżjonijiet 1, sintassi korretta, użu ta' Malti idjomatiku, espressjoni Maltija korretta, ideat li jsegwu u skont it-titlu u preżentazzjoni kif mistennija. It-taħriġ il-fehem, it-tieni sezzjoni li tinqasam f'diversi aspetti, ukoll irid juri l-kompetenzi tal-kandidati fil-lingwa, fejn jidħol il-fehim ta' silta mogħtija, l-għarfien tal-lingwa fl-aspetti tagħha u l-lessiku, lingwa, grammatika u l-aspett simboliku. Barra dawn il-kompetenzi, il-kandidati jridu juru għarfien fil-Malti komunikattiv.

### 3.1 <u>Il-Komponiment Ġenerali</u>

Il-kandidati kellhom għażla bejn erba' (4) titli biex jiktbu madwar erba' mitt (400) kelma dwar wieħed minnhom. Kien ċar li l-aktar titlu li laqat lill-kandidati kien it-titlu *Dakinhar ħassejtni se ntir bil-ferħ*. Warajh kienu fl-istess ilma ż-żewġ titli *Il-biżgħat tiegħi* u *Inżul ix-xemx*. L-inqas titlu li l-kandidati għażlu kien *L-importanza tad-dixxiplina*.

#### 3.1.1 <u>L-importanza tad-dixxiplina.</u>

Kien hemm diversi punti li ssemmew f'dan il-komponiment. Ħafna mill-kandidati li għażlu dan it-titlu kitbu li d-dixxiplina għandna bżonnha għal ħajjitna u ssemmew diversi postijiet fejn id-dixxiplina għandha tkun ta' importanza kbira.

Inġenerali, qalu li għalkemm xi nies ma jħobbux id-dixxiplina, mingħajr dixxiplina jkun hawn ħafna kaos u kulħadd jirribella u jagħmel li jrid. F'dan il-każ, skont il-kandidati, xi konsegwenzi t'hekk huma, li fil-pajjiż ikun hawn qtil, serq, nuqqas ta' ugwaljanza u fuq ix-xogħol kulħadd imur u joħroġ xħin irid. Hawnhekk ta' min jgħid li spikkat il-frażi li bla dixxiplina '*tirrenja l-liġi tal-ġungla*' (sic). Permezz tad-dixxiplina jkun hawn konformità u sigurtà fil-pajjiż u fejn ikun hemm id-dixxiplina jkun hemm l-edukazzjoni. Dan għaliex '*poplu bla dixxiplina jsir injurant'*(sic).

Ħafna mill-kandidati wkoll saħqu fuq il-punt li d-dixxiplina għandha tibda minn età żgħira mill-ġenituri. Xi wħud saħansitra qalu li jekk il-ġenituri ma jkollhomx dixxiplina, l-ulied lanqas mhu se jkollhom dixxiplina. Imbagħad wara l-ġenituri, l-iskola tippreparana għal meta nikbru, għall-futur tagħna. Fl-aħħar mill-aħħar għandu jkollna d-dixxiplina aħna fuq ix-xogħol. Skont ħafna kandidati, f'postijiet differenti nitgħallmu tipi differenti ta' dixxiplina u mbagħad nużaw id-dixxiplina fuq il-postijiet differenti li nkunu.

Ħarġu wkoll il-punti li għandna xi nies/xogħlijiet differenti li jgħinuna nżommu d-dixxiplina fil-pajjiż u fuqna bħalma huma l-pulizija u l-*wardens* fil-pajjiż, is-surmast u l-għalliema fl-iskejjel u l-meniġers fuq ix-xogħol. Spikka wkoll il-punt li d-dixxiplina tagħmlek bniedem aħjar. Permezz tad-dixxiplina nkabbru l-valuri tagħna u '*nitilgħu nisa u rġiel b'karattru sod'* (sic). Din tbegħedna mill-vizzji bħax-xorb, il-logħob tal-azzard u d-droga għaliex bla dixxiplina n-nies iktar ikollhom ċans li jsibu ruħhom f'xi vizzju ikrah. Bosta mill-kandidati li għażlu dan it-titlu seħqu li d-dixxiplina għandha tkun il-bażi ta' ħajjitna u parti mill-prinċipji tagħna. Numru żgħir ta' kandidati saħansitra

semmew li d-dixxiplina tidher ukoll fuq xi annimali, bħall-klieb li jintużaw mill-għomja u dawk tas-salvataġġ.

Kien hemm bosta kwotazzjonijiet sbieħ fosthom:

► ‘*Persuna ddixxiplinata turi ċertu stabbilità fil-personalità tagħha.’* (sic)

► ‘*Jekk trid li jkollok tifel/tifla li j/tirrispettak żomm idejk soda fuqhom u meta tixjieħ taf x’tgħid ... iż-żerriegħa għamlet frott tajjeb u z-zokk kiber dritt.’* (sic)

<u>Introduzzjoni li kienet effettiva fil-ħsieb:</u>

► *‘Timaġina tmexxija ta pajjiż mingħajr dixxiplina? Timaġina skola mingħajr awtorita bħal għalliema u surmast nies li nassoċjawhom mad-dixxiplina? U wara kollox xi tfisser il-kelma dixxiplina u x’jiġri jekk ma jkolniex hekk?* (sic)

<u>Ġeneralizzazzjonijiet u kummenti mhux eżatti u xierqa:</u>

► *‘Post ukoll jisema ħafna li jagħtom it-tfal dixxiplina huwa l-iscouts. Dan huwa Grupp li qied ma Malta kollha kull lokalita għanda Din l-aqda.’* (sic)

► *‘Kien hemm każijiet fejn it-tfal spiċċaw qatlu lil missierhom (huma każijiet rari) imma dan juri li l-ġenituri ta’ dawn it-tfal kienu jtuhom kollox u għax qalulhom darba le lit-tfal tagħhom, spiċċat taħwida sħiħa.’* (sic)

► ‘Meta tara lil adult bl-ingravata x’tgħid? Kemm hu pulit ... u jekk kellek tisimgħu ... probabli kemm jaf jitkellem.’ (sic)

### 3.1.2 <u>**Il-Biżgħat tiegħi.**</u>

F’dan il-komponiment nistgħu ngħidu li disgħa u disgħin fil-mija tal-istudenti bdew billi fl-introduzzjoni qalu li kull bniedem fid-dinja jibża’ minn xi ħaġa, kemm jekk minn xi ħaġa konkreta u kemm jekk minn xi ħaġa astratta u ta’ misteru. Ħafna mill-paragrafi kienu jirriflettu tajjeb ħafna l-biżgħat tal-kandidati. Interessanti huwa l-fatt li għal ħafna mill-kandidati l-akbar biżgħat tagħhom kienu astratti. Dan jista’ juri li għalkemm ngħidu li ż-żgħażagħ huma moħħ ir-riħ, fl-istess ħin huma maturi ħafna li jirrealizzaw x’inhu l-ikrah tal-ħajja u naraw kemm fil-verità jaħsbu fuq dawn il-biżgħat.

L-aktar biżgħat li spikkaw kienu:

- li jmut xi ħadd fil-familja
- li jmutu huma stess
- li lilhom jew lil xi ħadd mill-familja tagħhom jaqbadhom xi mard kroniku (ħafna mill-kandidati semmew b’isimha l-marda tal-kanċer u kemm jibżgħu minnha)
- li ma jirnexxux fil-karriera
- li jikbru u ma jkunux indipendenti
- is-separazzjoni

- xi nies li jidħku bihom fil-ħajja
- l-abbuż fuq it-tfal

Kien hemm suġġetti oħra li l-kandidati kitbu dwarhom fil-komponiment tagħhom. Imma ħareġ ċar li ħafna minn dawn mhumiex daqshekk importanti għalihom kif semmew xi wħud mill-kandidati fil-komponimenti tagħhom. Xi wħud minn dawn huma:

- l-insetti
- il-klieb
- is-sriep
- il-wirdien
- il-ġrieden
- id-dlam u l-għeluq
- l-għoli
- il-kmamar żgħar
- l-iħirsa

Kien hemm kandidati li semmew ukoll il-biża' mix-xitan u ftit oħrajn li jidfnuhom ħajjin.

<u>Taħwid ta' fatti, ġeneralizzazzjonijiet u esaġerazzjonijiet</u>

► *'...wisq nibża' li t-tifkiriet ta' dawk li xi darba kont tgħix magħhom, jibqgħu miegħek u ma jħallukx tgħix ħajtek, minħabba n-nostalġiji.'* (sic)

► *'Il-ġenituri ġegħluha titla' fuq muntanja u peress li kienet tibża' mill-għoli taha attakk tal-qalb u kellha tmur l-isptar hemmhekk.'* (sic)

► *'Ma ssibx bniedem wieħed fuq wiċċ id-dinja li ma jibżgħax minn xi ħaġa.'* (sic)

### 3.1.3 <u>Dakinhar ħassejtni se ntir bil-ferħ.</u>

Kienu ħafna l-kandidati li għażlu li jagħmlu dan il-komponiment. Ħafna minnhom għamlu rakkont narrattiv tal-isbaħ jum ta' ħajjithom, l-aktar jum li kienu ferħanin fih. Dan għaliex fih irċevew xi sorpriża.

Xi kandidati kitbu dwar ġurnata waħda sħiħa minn filgħodu sa filgħaxija, bħal pereżempju li kien għeluq sninhom u kellhom ħafna sorpriżi fih. Kien hemm ukoll min beda minn xi ġranet/xhur qabel u wasal għall-ġurnata nnifisha. Bħal pereżempju meta l-ġenituri qalulhom li se jkollhom tarbija u waslu għall-iżjed ġurnata ta' ferħ meta twieldet it-tarbija. Madankollu, il-konklużjoni dejjem kienet li dakinhar ħassewhom se jtiru bil-ferħ.

Ħarġu ħafna stejjer u ideat differenti f'dan it-tip ta' komponiment però kien hemm ukoll xi ideat li kienu aktar frekwenti mill-oħrajn. Dawn kienu meta:

● twieled ħuhom/oħthom
● kienu l-omm jew il-missier u kellhom tarbija
● rċevew ir-riżultati tal-eżamijiet
● qalgħu xi biljetti u raw u ltaqgħu mal-*band* jew kantant/a favorit/a tagħhom
● rebħu xi borża ta' studju biex imorru barra minn Malta jitgħallmu ż-żfin jew il-kant
● huma jew xi ħadd tal-familja kienu morda bil-kanċer u fiequ minnu
● kellhom għeluq sninhom u filgħodu ħasbu li tad-dar insew x'kienet il-ġurnata u ma tawx kas, imma mbagħad tawhom sorpriża filgħaxija fl-aħħar tal-ġurnata.

Xi ideat oħra mhux daqshekk frekwenti kienu meta xi ħadd:

● ra lill-ġenituri propja tiegħu għaliex kien addottat
● għalaq ħdax-il sena għaliex kien se jmur ġo skola ġdida
● għamel il-preċett u minbarra hekk fil-preċett in-nanna kienet għadha ħajja
● iżżeweġ

Ħafna mill-kandidati neħħew l-element tas-sorpriża f'dan it-tip ta' komponiment għaliex mill-introduzzjoni tkun diġà taf kif il-komponiment se jkun konkluż. Fl-introduzzjoni qalu mill-ewwel x'kienet is-sorpriża jew inkella x-xewqa li saret reali.

Eżempju ta' introduzzjonijiet:

► '*kont ilni noħlom u nixtieq li xi darba nkanta fuq stazzjon televisiv Taljan minħabba li minn ċkuniti affaxxinajt ruħi mill-kobor tal-istazzjonijiet tagħhom u mill-ammont kbir ta' nies li jsegwu dawn il-programmi minn madwar id-dinja kollha.'* (sic) (minbarra l-fatt li din l-introduzzjoni hi sentenza waħda sħiħa, ħaġa li m'għandhiex tkun).

► 'Il-Ħamis li għadda kienet ġurnata speċjali ħafna għall-familja tiegħi, hekk kif il-kuġina kellha tifel.' (sic) (L-introduzzjoni tibda hekk u inti tkun diġà taf x'se jiġri fil-kumplament tal-komponiment).

### 3.1.4 <u>Inżul ix-Xemx.</u>

Ma kinux ħafna l-kandidati li għażlu dan it-titlu. F'dan il-komponiment ħafna mill-kandidati li għażluh, iddeskrivew ix-xena fuq il-baħar ta' nżul ix-xemx fejn '*...qisha x-xemx qed tegħreq...'* (sic) (din il-frażi użawha ħafna kandidati). Huma kienu fuq il-blat jew ir-ramel ħdejn il-baħar, f'xi gallarija jew fuq il-bejt quddiem il-baħar jew inkella jaraw ix-xena mit-tieqa jew mill-bieb tal-kamra tagħhom. Kien hemm min iddeskriva nżul ix-xemx biss mingħajr ma qalu fejn qegħdin u ħarġu b'ideat sbieħ ħafna :

► *'Is-sema kienet tkun qisa xi ħolma ta' tarbija li jaf biss it-tajjeb u li qiegħed għadu jiskopri l-kuluri.'* (sic)

Barra minn hekk l-atmosfera ħdejn il-baħar skont il-kandidati tkun

► *'...aktar rilassanti hekk kif il-bajjiet u x-xtut jitbattlu min-nies u t-turisti, u l-istorbju jonqos.'* (sic)

Kien hemm ukoll min mar fil-kampanja. Beda miexi ma' xi trejqa u jirrakkonta, b'mod deskrittiv, x'ra u x'sema', bħal xi kelb jinbaħ fil-bogħod u xi werżieq. Iżda kien hemm komponimenti li ħadu xejra differenti fejn il-komponiment inkiteb f'forma ta' storja imma fl-istess ħin inżamm deskrittiv. Xi kandidati marru lura fil-passat u rrakkontaw nżul ix-xemx fl-imgħoddi u trattaw punti bħall-kebbies tal-fanali u l-bdiewa. Oħrajn fil-komponiment tagħhom żiedu x'jirrappreżenta nżul ix-xemx għal nies u etajiet differenti. Bħal pereżempju:

- għat-tfal jirrappreżenta biża' fejn qabel jiġi d-dlam ifittxu l-ġenituri għas-sigurtà
- għaż-żgħażagħ ifisser ħruġ u xalar
- għall-ġenituri jfisser mistrieħ
- għall-ħaddiema tal-lejl, bħat-tobba u tal-ajruport, ifisser xogħol

Imbagħad kien hemm xi kandidati li semmew xi elementi oħra tan-natura u ddeskrivew dawn x'jagħmlu matul inżul ix-xemx, bħal kif xi annimali jorqdu però oħrajn iqumu f'dak il-ħin għall-ġurnata tagħhom. Jew inkella kif jinbidel il-proċess tas-siġar. Kien hemm ukoll kandidati li ħarġu mill-gżejjer Maltin u semmew il-punt li fid-dinja nżul ix-xemx mhux f'kull pajjiż ikun fl-istess ħin. Xi wħud oħrajn qalu li dan il-mument fil-ġurnata hu mument ta' romantiċiżmu u/jew ta' iżolament biex taħseb u sserraħ moħħok. Barra minn hekk għal xi wħud mill-kandidati hu mument ideali għall-pitturi li jpinġu x-xenarju fejn ix-xemx tkun qiegħda tbatti mill-qawwa tagħha.

Sfortunatament, kien hemm numru sostanzjali ta' studenti li ħarġu barra mis-suġġett f'dan il-komponiment. Dan għaliex minflok għamlu komponiment deskrittiv u/jew riflessiv, għamlu wieħed narrattiv.

<u>Frażijiet sbieħ minn xi komponimenti:</u>

► *'...xemx tiżreġ bi ftit sħab li kont tisthajlu qotton miexi maż-żiffa ħelwa tar-riħ.'* (sic)

► *'... mod perfett ta' kif għandu jiġi fi tmiemu kapitlu ta' ġurnata.'* (sic)

► *'Ix-xemx toqrob lejn il-baħar kaħlan, hekk kif din tagħti l-aħħar tislima tagħha lejn l-art.'* (sic)

**3.2 Xi osservazzjonijiet li l-kandidati għandhom jevitaw iżda li ħarġu minn dawn il-komponimenti:**

3.2.1 Kienu bosta l-kandidati li kitbu mingħajr ma taw kas tar-regoli l-ġodda dwar l-ortografija f' *Deċiżjonijiet 1.* Eżempju: *skond* (minflok skont), *ta' l-iskola* (minflok tal-iskola), *ta' l-individwu* (minflok tal-individwu), *dak in-nhar* (minflok dakinhar), *m'huwiex* (minflok mhuwiex).

3.2.2 Sfortunatament għadha tidher il-problema tal-ortografija wkoll ta' kliem li ma jagħmlux parti mir-regoli l-ġodda. Kien hemm żbalji anke fi kliem bażiku. Eżempju: *tijaw* (tiegħu), *pajiżna* (pajjiżna), *sakhemm* (sakemm), *ikoli* (ikolli), *timagħġina* (timmaġina), *omi* (ommi), *xur* (xhur), *inkwetgħati* (inkwetati). Xi wħud jużaw *ħabba* (li tirreferi għal parti mill-għajn) jew *imħabba* (nom minn ħabb) minflok *minħabba*, u *naqa* (minflok naqra). L-eżaminaturi għal darb'oħra ħassew li l-kandidati għandhom jagħmlu distinzjoni bejn il-lingwa mitkellma u dik miktuba.

3.2.3 Tħaddim ta' kliem li ġej minn ilsna oħra meta għandna għalih kliem bil-Malti.

► Eżempju: *'tirrealizza'* (tinduna), *'tirrelassa'* (tistrieħ), *'jikrea'* (joħloq).

3.2.4 Bosta kienu dawk il-kandidati li ma jafux jagħmlu bilanċ bejn it-tul tal-paragrafi. F'uħud mill-komponimenti l-paragrafi kienu twal ħafna u f'oħrajn qosra ħafna. Saħansitra kienu evidenti paragrafi b'sentenza waħda. Inkella ssib l-introduzzjoni qasira, wara paragrafu wieħed twil fin-nofs, imbagħad għeluq qasir wisq. Xi drabi l-introduzzjoni u l-għeluq mhux talli jkunu qosra, iżda wkoll magħmulin minn sentenza waħda. Eżempji ta' introduzzjonijiet qosra u magħmulin minn sentenza waħda biss:

► *'Kien wasal Awwissu u kont ninsab ħerqana biex nirċievi ir-riżultati tal-eżamijiet biex nara f'liem skola kont se mmur.'* (sic)

► *'DakiNhaR ħassejtNi sE NtiR bil-fERħ. KiENEt ġuRNata iNdimeNtikabli u qatt f'mitt qamaR ma' koNt qEd nisteNNa x'kieN ġEj għalija.'* (sic)

► *'Ilni mal-familja Muscat tul dawn it-tmintax il-sena ta' ħajti.'* (sic)

3.2.5 Kien hemm ftit kandidati li l-komponiment tagħhom kien magħmul minn paragrafu wieħed biss.

3.2.6 Għadd ġmielu ta' kandidati ħolqu stil ġdid fejn jidħlu s-sentenzi, billi jibdew is-sentenza bil-partiċelli. L-aktar komuni kienu l-'u', 'iżda' u 'għax'. Eżempju:

► '... *ftaħna l-gallarija. U hemmhekk rajt veduta ...'* (sic)

► '... *nilgħab tal-mama ma' tfal oħra tampari. U din ix-xewqa baqgħet tinbet ġewwa fiha ...'* (sic)

► '... *konna ġejna l-ewwel. U l-ferħ kien doppju ...'* (sic)

3.2.7 Sentenzi twal u wħud minnhom ikollhom nuqqas ta' punteġġjatura. Xi kultant sentenza anke tagħmel paragrafu wieħed sħiħ jew inkella paragrafu sħiħ mingħajr punt wieħed biss. Eżempju:

► *'L-ewwel nett minħabba li ħadd ma tħalli lil ħadd jagħmel li jrid jew li jfettillu għax inkela tinħoloq kaus minħabba li ħadd ma jibda jaqbel ma ħadd jew inkella jaqblu ftit u jinħoloq konflitt soċjali.'* (sic)

3.2.8 Jinkitbu ittri kapitali f'nofs il-kelma/is-sentenza. Eżempju:

► *'...DiċembRu, soRpRiża, moRna Jien wAħdA minn dAwK il-ħafna nies li jibżgħu minn ħAFNA AFFARijiet.'* (sic)

3.2.9 Huma bosta l-kandidati li ma jqabblux il-ġens tal-aġġettiv man-nom li jkun hemm qablu. Eżempju:

► *'...huwa persuna kalm...'* (sic)

► *'...kelb żgħira u ħelwa...'* (sic)

► *'...l-aħbar it-tajjeb...'* (sic)

3.2.10 (a) Kien hemm ukoll kandidati li f'dan il-livell għadhom ma jafux jużaw in-numri fil-forma t-tajba tagħhom. Eżempju:

► *'Wara li qattajt l-isbaħ żewġ snin ta' ħajti.'* (sic)

► *'...nalaq tmintax il-sena'* (sic)

► *'...tlett minuti...'* (sic)

► *'...sittax is-sena...'* (sic)

► *'...żewġt t'iżwiemel...'* (sic)

► *'Dak il-ħin bdew ġejjin elf ħsibijiet...'* (sic)

3.2.10 (b) In-numri ma jinkitbux. Eżempju:

► *'Wara 9 xhur ...'* (sic)

► *'...wara 5 snin...'* (sic)

► *'...għamilna 3 snien għarajjes...'* (sic)

► *'...għall-musik video tagħha għandha bżonn 3 itfal oħra...'* (sic)

3.2.10 (ċ) Dan jgħodd ukoll għall-ħin. Eżempju:

► *'...hekk kif daqqu s-7pm ...'* (sic) (minflok is-sebgħa ta' filgħaxija)

Jidher ċar li numru ta' kandidati ma jagħmlux distinzjoni bejn il-'i' ta' kliem romanz u l-vokali tal-leħen fi kliem semitiku. Ħarġet ċara t-tendenza li etimoloġikament tkun xi tkun il-kelma, il-'i' tittieħed biss bħala l-vokali tal-leħen u għalhekk iwaqqgħu l-'i' ta' kliem li huwa ta' nisel rumanz jew Ingliż. Eżempju:

► *'...iżda mpossibli...'* (sic)

► *'...huma mportanti...'* (sic)

► *'...imma nkwetanti...'* (sic)

3.2.11 Ħareġ ċar ħafna li għadd ta' studenti għadhom ma jafux jiddistingwu bejn il-partiċella '*ma*'' u '*ma*'fin-negattiv. Eżempji:

►*'...ma' kont, ma' għandiex u...'* (sic)

► *'Nzerta temp ma' kienx bħas-soltu.'* (sic)

► *'...mingħajr ma' jkellem lil ħadt...'* (sic)

► *'...ma' bdejtx noħroġ...'* (sic)

3.2.12 Nuqqas t'għarfien bejn '*minn*' u '*min*'. Eżempji:

►*'...min dak il-ħin, ħadd ma setgħa jisseperana...'* (sic)

► *'Ridt inkun naf minn hu dak li ħallieni bla nifs bil-qata.'* (sic)

3.2.13 Kien hemm ftit kandidati li għalkemm kitbu b'Malti tajjeb, l-artiklu ma ġiex użat tajjeb. Ghalkemm mhux dejjem, numru ta' kandidati tħalltu bejn l-artiklu fil-Malti u dak fit-Taljan...forsi għax studjaw it-Taljan ukoll? Eżempji:

► *'Is-stilel...'* (sic)

► *'T-tobba...'* (sic)

► *'L'atmosfera kienet mill-isbaħ...'* (sic)

► *'L'arloġġ kien qed ittektek...'* (sic)

3.2.14 Fil-komponimenti kien hemm ukoll għadd ta' żbalji fis-Sintassi/Grammatika. Eżempji:

► *'Dan it-tip ta' mewt naħseb li hu l-agħar ...'* (sic)

► *'...iżda xi ħaġa f'qalbi beda jgħidli li kien se jiġri xi ħaġa sabiħa ...'* (sic)

► *'...dak inhar kien għeluq snieni'* (sic)

► *'Tatni ċurkett tal-fidda u kellha qalb fuqha.'* (sic)

► *'Kilna f'restorant msemmija "Il-ħut" fejn l-ispeċjalita kien ħut.'* (sic)

► *'Il-mewt ibeżżgħani mhux għat-tbatija li jista' jġib miegħu, jew ibeżżgħani għax qatt ma nista' nkun ċerta x'ser jiġri wara iżda ibezzgħani l-fatt li nħalli lill-għeżeż nies ta' ħajti ...'* (sic)

► *'Kienet xagħar mimlija b'ferħ u mistrieħ'* (sic)

## 4.0 Fehim it-Test, Għarfien tal-Lingwa fl-Aspetti tagħha, Grammatika, Aspett Simboliku

### 4.0.1 Il-mistoqsijiet dwar is-silta

Għall-mistoqsija (a) numru żgħir mill-kandidati taw tweġiba waħda minn tnejn. Kitbu l-kuntrast li wieħed jibqa' jaħdem u l-ieħor jieqaf jistrieħ, imma ma kitbux li wieħed jaħdem aktar mill-ieħor. Għall-mistoqsija (b) il-kandidati kitbu li aħna nieqfu nistrieħu mix-xogħol però għadd ġmielu ma enfasizzawx l-importanza tal-mistrieħ. Il-kandidati wieġbu mistoqsija (ċ) billi taw tweġiba waħda minn tnejn, jiġifieri jew li jġib għeja mentali biss jew li tonqos il-produttività tal-individwu biss. Kienu ħafna dawk il-kandidati li taw tweġiba tajba għall-mistoqsijiet (d) u (e) saħansitra jekk tvarja fil-kliem użat. Madankollu ma jistax jingħad l-istess għall-mistoqsija (f) fejn ħafna mill-kandidati taw tweġiba waħda. Kien hemm bosta kandidati li kkupjaw direttament mis-silta mogħtija u oħrajn xorta għamlu żbalji ortografiċi u grammatikali, għalkemm ikkupjaw mis-silta. Fit-tweġibiet ħarġu wkoll żbalji sintattiċi kif ukoll nuqqas ta' tkomplija ta' sentenzi.

### 4.0.2 Għarfien tal-lingwa fl-aspetti tagħha/ lessiku

F'dan it-taħriġ kienu ħafna dawk l-istudenti li wieġbu tajjeb. Ftit kienu dawk li ħallew xi mistoqsija mingħajr tweġiba tajba.

### 4.0.3 Lingwa u Grammatika

Il-kandidati kellhom tlettax-il mistoqsija dwar lingwa u grammatika:

● Bosta kienu dawk il-kandidati li wieġbu sew għall-mistoqsija (1).

● Ħafna kandidati ma wieġbux tajjeb mistoqsija (2). Fost it-tweġibiet ħżiena nsibu: *prodott, produzzjoni, jipproduċu, jiproduċi, produttiv, niproduċu, riproduttiv, proċess, produtwix.*

● Il-biċċa l-kbira tal-kandidati ma tawx tweġiba tajba għal mistoqsija (3). Fost it-tweġibiet ħżiena kienu: *jiftakar, jeżerċita, fiżikament, għaqli, isservih, jaqla.*

● Fortunatament wara snin jiġu mħarrġa fuq dan l-aspett grammatikali ħafna ġabu t-tweġiba numru (4) tajba. Xi tweġibiet ħżiena kienu: mamma – *jgħodd, għodd, qad*; għerq – *j-d-d, q-għ-d, għ-j-d, j-għ-d-d, għ-w-d.*

● Kienu bosta l-kandidati li mistoqsija (5) wieġbuha tajba. It-tweġibiet ta' numru żgħir ħafna ta' kandidati kienu ħżiena: *familja, napplikaw.*

● Bosta mill-kandidati taw tweġiba tajba għall-mistoqsija (6). Madankollu kien hemm xi tweġibiet ħżiena li kienu: *gradwazzjoni, tgawdijja, gwida, gawda, tgawdijha, igawdi, ingwanti.*

● Ħafna kienu l-kandidati li taw tweġiba tajba għall-mistoqsija (7). Madankollu kien hemm xi kandidati li taw tweġibiet ħżiena fosthom: *spejeż, spiżża, spazju, spieża.*

● Bosta mit-tweġibiet għall-mistoqsija (8) kienu tajba u deher li għadd ta' kandidati kienu midħla sew tal-pronomi mehmuża.

● Għall-mistoqsija (9) numru żgħir ta' kandidati taw żewġ nomi tajbin. Imma kien hemm oħrajn li nisslu wieħed tajjeb u numru sostanzjali li taw żewġ nomi ħżiena. Xi tweġibiet ħżiena kienu: *varjazzjonti, varja, ivarja, varjabbli, tvarja, varja, arja, varjabli, varitajjiet.*

● Bosta kandidati taw tweġiba tajba għall-mistoqsija (10). L-eżaminaturi jemmnu li l-fatt li l-kandidati kellhom għażla għen ħafna għal din il-mistoqsija.

● Kienu ħafna l-kandidati li għal din il-mistoqsija (11) taw tweġibiet ħżiena. Ftit kienu li rnexxielhom jagħtu tweġibiet tajba.

● Ħafna kandidati wieġbu din il-mistoqsija (12) ħażin. Fost xi tweġibiet ħżiena kien hemm: *kurżitarju.* Saħansitra kien hemm min ta l-istess nom li kellu fil-karta tal-eżami.

● Kien hemm kandidati li wieġbu l-mistoqsija (13) kif mistenni, imma kien hemm min le. Forom oħra li ssemmew kienu: *8, 6, 1, 2.*

**4.0.4 Aspett Simboliku**

Ħafna mill-kandidati marru tajjeb f'dan it-taħriġ. F'mistoqsijiet 5a (i), 5a (ii) u 5b (i) kienu bosta l-kandidati li wieġbu tajjeb. Fil-mistoqsija 5b(ii) kien hemm ħafna li wieġbu tajjeb iżda kien hemm min le. Xi tweġibiet ħżiena kienu:

► '*...meta bniedem jigdeb fl-aħħar mill-aħħar se jinqabad ukoll minn Alla...'* (sic)

►'*...aħna rridu naħdmu u nistinkaw biex nieħdu dak li rridu fis-sema...'* (sic)

►'*...trid tipprova u ma taqtax qalbek biex xi darba jirnexxielek...'* (sic)

►'*...l-impossibli qatt ma jsir għalxejn tittama...'* (sic)

►'*...meta xi ħaġa ħażina tkun mixtieqa li sseħħ Alla ma jagħtix kasha...'* (sic)

**5.0 Ir-rapport u t-taqsira**

Bejn wieħed u ieħor kien hemm bilanċ bejn in-numru ta' kandidati li għażlu r-rapport u dawk li għażlu t-taqsira.

5.0.1 Ir-Rapport

Ħafna minn dawk il-kandidati li għażlu r-rapport użaw format ħażin. Dan fil-biċċa l-kbira nkiteb fil-format ta' ittra, mhux biss fl-indirizzi u l-bqija, imma wkoll fil-lingwaġġ matul il-kitba kollha.

Minn dawk li għamlu forma ta' rapport imbagħad, kien hemm ħafna li fil-bidu ma kitbux il-lokal fejn sar / ħareġ ir-rapport, id-data u t-titlu. Dawn kienu aspetti mistennija mill-kandidati li għażlu li jagħmlu r-rapport. Kien hemm kandidati li kitbu r-rapport f'numru ta' paragrafi u mhux f'paragrafu wieħed u ħafna drabi kitbu isem fl-aħħar tal-kitba.

Xi ideat fil-kitba tar-rapport kienu li:

- ġġieldu żewġ studenti fl-iskola
- żelaq xi ħadd fuq xi ilma u weġġa'
- waqa' xi ċint fuq xi student/a
- waqa' xi ħġieġ fuq xi student/a jew li rifsu xi ħadd
- xi studenti ħabtu ma' xulxin u waqa' xi ħadd minnhom
- xi ħadd waddab xi ħaġa u ġiet fuq xi ħaddieħor
- ġġieldu fil-konfużjoni ta' ġol-kantin tal-iskola

5.0.2 It-Taqsira

Ħafna mill-kandidati taw punti validi, però kien hemm xi punti importanti li tħallew barra minn ħafna. Pereżempju li l-wirt li jgħaddi jiddependi dejjem minn kemm il-poplu jkun kbir fil-qalb u l-moħħ, jew li t-tagħlim jinżamm ħaj fl-imġiba personali u soċjali. Il-biċċa l-kbira tal-istudenti dawn iż-żewġ punti ma semmewhomx. Interessanti li wieħed jgħid li kien hemm bosta mill-kandidati li t-taqsira ma għamluhiex f'paragrafu wieħed.

## 6.0 IT-TIENI KARTA 2A U 2B

It-Tieni Karta 2A u 2B kien fiha dawn it-taqsimiet:

It-Tieni Karta A – Referenza għall-Kuntest (Poeżija)
It-Tieni Karta A – Referenza għall-Kuntest (Proża)
It-Tieni Karta A – Il-Komponimenti Letterarji

It-Tieni Karta B – Referenza għall-Kuntest (Poeżija)
It-Tieni Karta B – Referenza għall-Kuntest (Proża)
It-Tieni Karta B – Il-Komponimenti Letterarji

Kif inhi l-istruttura tal-eżami jeżistu żewġ karti: it-Tieni Karta A u t-Tieni Karta B. It-Tieni Karta A titlob li l-kandidati jkunu kritiċi u analitiċi aktar minn dawk li jagħżlu t-Tieni Karta B. Dawk li jagħżlu t-Tieni Karta B, għalkemm mhumiex mitluba li jkunu kritiċi u analitiċi daqs dawk li jagħżlu t-Tieni Karta A, xorta waħda jridu juru li x-xogħlijiet letterarji jkunu fehmuhom sew u juru li kapaċi jagħtu kritika ħafifa iżda mhux profonda daqs dawk li jwieġbu l-mistoqsijiet tat-Tieni Karta A. Dan ir-rapport jenfasizza li għalkemm din it-Tieni Karta hija eżami tal-Letteratura, xorta tibqa' qabel kollox eżami fil-Lingwa Maltija. L-eżaminaturi jinnutaw li kemm fit-Tieni Karta A u fit-Tieni Karta B il-kandidati jirriġġettaw in-noti li jkunu studjaw bl-amment, ħafna drabi noti li lanqas iwieġbu direttament il-mistoqsija li jkunu għażlu, u jagħmlu bosta żbalji ortografiċi, grammatikali u sintattiċi.

### 6.0.1 It-Tieni Karta 2A - Referenza għall-Kuntest

6.0.1 (a) IŻ-ŻABRA, VICTOR FENECH

Il-livell tat-tweġibiet kien ġeneralment fqir. Ftit kienu l-kandidati li marru tajjeb fit-taqsima tal-poeżija. Mit-tweġibiet, ftit kandidati taw kas kemm għandha marki kull mistoqsija u għalhekk mistoqsijiet bħal 1a u 1d, li kellhom 4 marki kull waħda, weġbuhom f'sentenza jew tnejn. Ħafna kandidati sabu diffikultà f'mistoqsijiet b (ii), ċ (i) u d.

Dwar mistoqsija 1ċ (i), fejn il-kandidati kellhom jgħidu "X'tissejjaħ din it-tip ta' poeżija?" hu ċar minn għadd ta' tweġibiet, li ħafna kandidati ma fehmuhiex. Kien hemm min qal li din il-poeżija hi '*metaforika*', '*nostalġika*', '*poeżija mbewsa*', '*poeżija monotona*', '*poeżija narrattiva*', '*saffika*'. Kien hemm kandidati li kitbu li '*...din il-poe-proża hi saffika.*' (sic) Dwar ċ (ii), kien hemm

tweġibiet bħal *‘...il-poeta jiddeskrivi s-siġra xi ġralha...’*; *‘...għax hi miktuba bħal paragrafi u linji taħt xulxin u mhux imħarbtin.’* ; *‘...tissejjaħ hekk għax hi dwar il-qerda.’* (sic)

Dwar il-mistoqsija (d) ftit kienu l-kandidati li taw raġunijiet validi dwar għaliex *Iż-Żabra* għandha tagħmel sehem mit-tema Il-Protesta. Għadd ta’ kandidati kitbu biss dwar il-protesta kontra l-qerda tal-ambjent filwaqt li ma tawx kas li l-poeta jipprotesta wkoll kontra x-xogħol magħmul bl-addoċċ.

6.0.2 (b) JUM IR-REBĦ, RUŻAR BRIFFA

Il-maġġoranza tal-kandidati għażlu *Jum Ir-Rebħ*. Kien hemm ħafna tweġibiet tajba għall-ħsieb tal-poeżija għalkemm xi kandidati, minkejja li fil-mistoqsija kien hemm miktub biex jiktbu fil-qosor, qagħdu jfissru kull strofa. Xi studenti kitbu kważi paġna sħiħa. Kien evidenti li ħafna minnhom tgħallmu xi noti bl-amment u għal dan tnaqqsu xi marki.

Il-mistoqsija 2b (i) kienet dwar x’figura tat-taħdit insibu fil-kelma ‘*ngħas*’. Kien ċar li ħafna kandidati ma kinux jafuha għalhekk kitbu xi figura tat-taħdit li ftakru. Fost it-tweġibiet kien hemm ‘similitudni’; ‘emfasi’ (sic); ‘apokope’; ‘polisindeto’; ‘forma tat-taħdit moderna’; ‘aferesi’ u ‘personifikazzjoni’. Dwar l-effett li joħloq il-poeta bil-figura tat-taħdit, mistoqsija 2b (ii), ftit kienu dawk li kitbu li l-Maltin kienu qishom reqdin billi ma kinux jiġġieldu għad-drittijiet tagħhom. Fost it-tweġibiet żbaljati kien hemm:

► *‘...effett storiku...’* (sic)

► *‘...effett ħieles...’* (sic)

► *‘...il-poeta joħloq entużjażmu għal min ikun qed jaqra l-poeżija...’* (sic)

► *‘...l-effett li joħloq il-poeta hu li jgħolli l-livell tal-kitba u biex jgħidilna li konnha maħkumin mill-barranin...’* (sic)

► *‘...effett ta’ monotonija...* (sic)

Kien hemm tweġibiet nieqsa minn dak li titlob il-metrika għall-mistoqsija 2ċ dwar il-metrika li jħaddem il-poeta f’din il-poeżija. Ħafna kandidati la jsemmu l-istrofi, la r-rima u lanqas it-tul tal-versi. Fost it-tweġibiet żbaljati nsibu:

► *‘...metrika ta’ protesta...’* (sic)

► *‘...għamlu kuraġġ u qamu fuq saqajjhom...’* (sic)

► *‘Il-metrika ta’ din il-poezija hi vers b’żewġ strofi...’* (sic)

► *‘Il-metrika hi waħda li taqbel. Kważi kollha jibdew bl-U.’* (sic)

► *'Din il-poeżija moderna. Nafu għaliex hi qasira u hemm nuqqas ta' punteġġjaturi fit-2 strofa'.* (sic)

Ftit kienu l-kandidati li wieġbu l-mistoqsija 2e tajba. Kien hemm tweġibiet umoristiċi dwar ir-raġuni għaliex Vassalli jista' jsib is-sabar. Fost dawn insibu:

► *'Vassalli jgħid hekk fl-aħħar mill-aħħar huwa se jidħak meta jirbħu l-logħoba. Għal din ir-raġuni il-Maltin, tahhom id-determinazzjoni biex jirbħu' (sic)*

► *'Dan għaliex wara li Briffa kanta l-innu Malti, Briffa ħassu kuntent u seta' jistrieħ...' (sic)*

► *'Peress li Vassalli kien jiddefendi lil Malta, hija personifikazzjoni għax hu mejjet' (sic)*

► *'Fl-aħħar tal-poeżija Vassalli jgħid li jien nista' nsib is-sabar biex jorina li mdejjaq u se jsib tarf għax ma ndaqqx l-innu Malti' (sic)*

► *'Fl-aħħar vers jurina li Vassalli kien diġa mejjet f'dak iż-żmien. Il-Maltin qamu jipprotestaw bil-kliem li kiteb Vassalli u għalhekk issa isib il-mistrieh...' (sic)*

<u>6.0.3 (a) IR-RABA' TA' SAMWEL, FRANS SAMMUT</u>

Jidher li t-tqassim tal-marki tal-mistoqsijiet fir-Referenzi għall-Kuntest Taqsima (Proża) għen lil għadd mhux ħażin ta' kandidati biex imorru aħjar milli għamlu fir-Referenza għall-Kuntest (Poeżija). L-aktar li sabu diffikultà kien f'mistoqsija 3 ċ (ii) u mistoqsija (d).

F'mistoqsija 3(a), ħafna kandidati ma tawx biss il-ħsieb tas-silta li ngħatat, iżda kitbu dwar dak li ġara qabel u dwar Żabbett. Ħafna kandidati studjaw noti bl-amment mingħajr ma taw kas jekk dak li kitbu kienx jgħodd għas-silta. Dan huwa aspett li dejjem qiegħed jidher ċar.

F'3(b) kien hemm mistoqsijiet mhux korretti dwar għaliex Samwel isejjaħ lil Benedittu '*Noe bla leħja*' :

► *'Beneditt isejjaħlu bla leħja għax jixtieq jara d-deni lil ħaddieħor u iħallih ikompli jgħarraq' (sic)*

► *'Isejjaħlu hekk għax ma jagħtix kaz li jkun qed jagħmel...' (sic)*

► *'...għax Beneditt kien problema mal-annimali.' (sic)*

► *'Għax kien jilgħabha ta' qaddis, iżda kien izekzek fuq in-nies u jerfa' salib ħaddieħor...' (sic)*

► *'Benedett kien wasal fi żmienu.' (sic)*

Il-mistoqsija 3ċ (ii) kienet ukoll ta' tħabbil il-moħħ għal xi kandidati kif jidher minn dawn it-tweġibiet:

► *'Il-konsolazzjoni li ħass Samwel dwar ir-razzett ta' Benedett kien li qata' qalbu u jħossu vojt fih innifsu.' (sic)*

► *'Il-konsolazzjoni kien li r-razzett tiegħu kien iżommu aħjar minn ta' Beneditt.' (sic)*

Ħafna kandidati sabu l-mistoqsija 3d diffiċli. Jidher li ma fehmux il-kelma '*battal*'. Xi tweġibiet żbaljati jinkludu:

► *'Samwel ħass li ma kellux aktar x'jista' jagħmel, ħass li kollox li għamel għall-għelieqi kien għalxejn.' (sic)*

► *'Samwel irid jifhem li ħassu battal għax ħadd mhu battal f'did-dinja.' (sic)*

► *'Ried jgħid li issa kien xjaħ u m'għadux tajjeb għalxejn , kien bla skop...' (sic)*

<u>6.0.3 (b) IR-RIBELLI, J.J CAMILLERI</u>

It-tqassim tal-marki f'din ir-Referenza Għall-Kuntest jidher li niżel tajjeb mal-kandidati. Madankollu għad fadal ħafna kandidati li ma jafux id-differenza bejn silta ta' proża u poeżija. Kien hemm numru ta' kandidati li għall-mistoqsija (a) bdew it-tweġiba hekk:

►*'F'din il-poeżija Ribelli...' (sic)*

► *'Fil-poe-proża Ir-Ribelli nsibu...' (sic)*

Fl-istess mistoqsija tiskanta kif bis-silta quddiemhom ikun hemm kandidati li ma jifhmux x'hemm miktub. Kien hemm kandidati li kitbu li:

► *'Jumi u Petriga kienu jitġieldu. Kulħadd fir-rahal kollu kien jaf li Petriga weggat lil Yumi...' (sic)*

► *'Żmien ilu f'San Rokku l-missirijiet u l-ommijiet kienu għadhom jindaħlu ħafna l-istat tagħhom. Il-ġenituri jridu jogħġbu lilhom għax inkella ma kinux jaċċettawhom...' (sic)*

► *'Il-ġenituri kienu issibu raġel bil-ħafna flus għal tifla tagħom, imma din il-mara kienet iħobb wiehed li ma' kellux flus'. (sic)*

Kien hemm tweġibiet aċċettabbli għall-mistoqsija 4b fejn il-kandidati kellhom ifissru l-frażijiet. Mhux l-istess jista' jingħad għall-mistoqsija 4ċ. Fl-aħħar mistoqsija 4d ftit kienu l-kandidati li għamlu sforz biex joħorġu l-karattru tan-nies ta' San Rokku. Madankollu, dawk li wieġbu tajjeb ħadu l-marki kollha.

## 7.0 It-Tieni Karta 2A – Il-komponiment letterarju

### 7.0.1 5A TEMA : TIFKIRIET

Il-kandidati kellhom juru jekk huwiex veru li l-kittieba Maltin "...jiftakru biss fil-passat sabiħ". Ħafna kandidati kitbu tajjeb li meta persuna tgħaddi minn episodji ta' niket, ikun diffiċli għaliha biex tiftakar f'episodji ta' ferħ, imma wrew ukoll li l-ġrajjiet ta' ferħ li tgħaddi minnhom persuna jgħinuha tqum mid-diffikultajiet li jkollha f'dak il-mument. Ħafna kandidati kienu jafu sew il-poeżiji 'Niftakar', 'Żjara lil Ġesu`', 'Tifkiriet Ta' Tfuliti' u 'L-Għajn fil-Misraħ'. Xi kandidati ma rnexxilhomx jiftakru l-isem eżatt tal-poeżija jew tal-poeta bħal pereżempju:

► *'Niftar ta' Butigig...' (sic)*

► *'Tifkiriet ta' Mahoney...' (sic)*

► *'...Għani fil-Misraħ.' (sic)*

► *'Dar go San Ġiljan...' (sic)*

► *'Niftakar fi Tfuliti ta' Anthony Farrugia...' (sic)*

► *'Frans Ellul fil-poeżija Niftakar...' (sic)*

► *'...il-poe-proża Il-Vapur tal-Art...' (sic)*

Kien hemm ukoll kandidati li għal din il-mistoqsija għażlu s-siltiet b'mod żbaljat, u semmew 'Mur Orqod Binti', 'Sentiment' u 'Malta Ġenna Tal-Art'. Barra minn hekk kien hemm min ta interpretazzjonijiet żbaljati ta' xi siltiet letterarji. Pereżempju:

► *'Zahra jgħidilna li Rosie kienet saret iċ-ċirkolu tal-ħajja ta' Frans u kien iħobbha b'imħabba tal-ġenn.' (sic)*

► *'It-tfulija ta' Vassallo kienet hekk għax ommu lil binha kienet iżżommu ġo bozza u qatt ma hallietu jfendi għal rasu biex jiggwadanja daqsxejn ta' esperjenza. Lanqas skola ma kienet tibatu.' (sic)*

► *' Dun Karm jitlob l-Alla biex jgħinu fil-griżi tal-ħajja u jfarraġ lilu nnifsu wkoll.' (sic)*

► *' Il-poeta jgħid li man-nixija li nixfet fil-għajn fil-mistra nixfet nixxija f'qalbu. Il-gvern għalaq il-għajn għax kulħadd kien jixrob minna u kien jinxtered il-mard'(sic)*

► *' Il-poeta jgħidilna li dakinhar l-ilma waqaf fil-misraħ imma spiċċat bdiet nexxija ġewwa qalbu...' (sic)*

## 7.0.2 5B TEMA: IR-RISPETT FIL-FAMILJA

Il-mistoqsija kienet ċara. Il-kandidati kellhom juru kif jeżisti r-rispett min-naħa "tal-ġenituri lejn l-ulied". Ħafna kandidati ma qrawx il-mistoqsija sew. Kitbu dwar 'Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti', 'Ir-Raġel tal-Klieb', 'Demgħat tas-Silġ', u dwar 'Ix-Xiħ Midfun Ġo L-Għar'. Oħrajn ħarġu sew kif il-poeti Friggieri u Sciberras urew rispett lejn it-tfal tagħhom.

Ġew innotati xi tweġibiet oħra żbaljati tal-interpretazzjoni kritika:

► *'Dun Karm fil-poeżija Mur Orqod Binti qed jipproteġi lil bintu...' (sic)*

► *'F'Sentiment il-poeta qed jibża li la jitlaq hu, bintu se tispicca waħeda, u ħadd ma jgħinha u jferriġġa u jheddida miegħu.' (sic)*

► *'Il-poeta jipprova jibaxxi l-livell tiegħu sal-livell ta' Sara billi jgħidilha li huha mhux ġej...' (sic)*

► *'...it-tifla ma tistax tifhem dawn il-kliem xi darba kellhom isiru lullaby imma qatt ma saru ħabba l-kliem tqil.' (sic)*

► *'Sara mhux qed jifhem għax qagħda żgħira hi ma jafx x'inhu mewt. Missiera jipprova jitkellimha ħalli hu jista' jaf imma ż-żgħira tkompli saqsi mistoqsijiet.' (sic)*

► *'...il-poeta qed ikanta tħanni lil ibnu...' (sic)*

► *' Friggieri kien jikteb il-gazzetti u jgħid li għalih min ma jaqrax l-gazzetti ma jeżistix.' (sic)*

► *' Fit-tema Protesta nsibu zewġ tipi ta' rispett...' (sic)*

► *' Azzoppardi kien jieħu gost kull filgħaxija ikanta siltiet mill-poeżiji lit-tifla tiegħu...' (sic)*

► *' Ibnu Antonin kien siefer biex jistudja l-prodott, meta ġie lura kien ġie mibdul.' (sic)*

► *' Il-poeta jirrispetta lil ibnu għax jgħidlu biex jibki issa biex ikun jista jfaġġru.' (sic)*

► *' Azzoppardi qed ikanta xorta ta' storja li titraqqad lit-tfal. Jgħid lil Yevgeny li hu tifel tajjeb u għalhekk dedika poeżija lilu.' (sic)*

7.0.3 6A TEMA: KARATTRI

Minkejja li l-mistoqsija kienet ċara ħafna, għadd kbir ta' kandidati ma tawx raġunijiet validi għaliex il-karattri li għażlu ma tantx għoġbuhom. Mingħajr ġeneralizzazzjoni, deher ċar li ċerti kandidati ma jafux it-tifsira ta' karattri li jimbuttawk. Xi wħud kitbu li karattri bħal Mananni, Caroline u t-Tabib Grima , '*...jimbuttawk lejhom*' (sic) u kitbu dwar il-karattru sabiħ tagħhom. Kandidati oħra għażlu karattri li ma kinux fis-siltiet mistennija għal din it-tema , bħal 'Ir-Raġel tal-Klieb', 'Sara', 'Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti', 'Samwel', 'Yumi', 'Fredu' (L-Ewwel Darba li Ltqajt Magħha) u 'Dun Karm'. Bla dubju din il-mistoqsija kienet iżjed popolari mill-mistoqsija dwar it-tema Ġrajja u Identità (6b).

Hawn spikka l-istess aspett li għadd ta' kandidati la rnexxielhom jiftakru l-isem eżatt tal-poeżija jew silta ta' proża u lanqas l-isem tal-poeta jew prożatur. Xi eżempji skorretti:

► *'Il-Ġlieda ta' Wistin Vassallo...' (sic)*

► *'Ray Mahony fil-poeżija Dak it-Taraġ...' (sic)*

► *'...is-silta ta' proża Mananni ta' Azzoppardi...' (sic)*

► *'...fil-poeżija Manini.' (sic)*

Ġew innotati xi tweġibiet oħra żbaljati tal-interpretazzjoni kritika:

► *'...il-karattru tal-avukat jimbuttani mhux fil-ferħ imma fin-niket.' (sic)*

► *'...it-tabib kien għadu jibda f'dan il-qasam tax-xogħol u spiċċa rebaħlu lill-avukat Gatt u dan ħassu ħażin fil-qorti quddiem in-nies kolla tant kemm ma stenniex li ħa jerbaħlu.' (sic)*

► *'Dawn il-karattri jimbuttawni għax nara fihom li kemm jagħmlu ħilithom biex jirbħu u avolja l-avukat spiċċa li t-tabib daħak bih minflokk hu daħak bit-tabib.' (sic)*

► *' Il-Ġlieda hi fuq ġiex nisa b'ħajt bejniethom dejjem izekzku il-xulxin u u jiggieldu u darba waħda f'hanut tal-ikel u ingredjenti u dawn riedu bajda, bdew jiġġieldu, waħda neżet il-karkur u tatielaha go rasa u qasmitilha.' (sic)*

► *'...il-kappillan żelaq u r-raġel ta' Mariella niżel jiġri jgħinu. Ir-ragel dak in-nhar hajjtu nbidlet kompletament u beda jemmen bil-quddies u bil-knisja.' (sic)*

► *' Il-karattru ta' caroline u Fredu jimbuttani għax huma kellhom skopijiet ħżiena ġo moħħhom dejjem jaraw x'jivvintaw.' (sic)*

► *' Gerit għandha karattru li dejjem trid tkun aħjar minn oħrajn. Fl-opinjoni tiegħi dan mhux tajjeb għax tqatta' ħajtek tkun miżerabbli għax tara xi nies li huma aħjar minnek.' (sic)*

► *'Dawn il-karattri (Mananni u Xandru) oġbuni ħafna għax qishom jimbuttawk biex tibqa' tgħix u qatt ma taqta' qalbek.' (sic)*

► *' Mananni għandha karattru li timbuttani lejha ħafna għax bieżla ħafna. Il-karattru tat-tifel tat-tabib jimbuttani għax qal il-verità.' (sic)*

► *' Mananni hi poeżija forma ta' intervista li Gorg Pisani għamel lil din ix-xwejħa mimlija storja tal-imgħoddi.' (sic)*

► *' Mananni timbuttani għax baqat antika kemm f'lbies u kemm bħala ikel.' (sic)*

► *' Azzoppardi jgħidilna dwar l-ikel tal-imgħoddi tal-Malti. Mananni tiekol ħobż frisk Malti biz-zejt imdellek u bil-gbejniet fuqha. Jgħidilna wkoll dwar l-inbid li l-Maltin kienu u ghadhom iħobbu jixorbuh u dwar l-għonnella li kienu jilbsu.' (sic)*

► *' Il-karattru ta' Mananni jimbuttani għax kienet mara twajba u ma kienx igerger...' (sic)*

► *' Jimbuttani l-karattru ta' Mananni għax ħajjitha kienet sempliċi u dejjem ferħana'(sic)*

► *' Jien laqqatni l-aktar il-karattru ta' Dun Karm għax jikteb poeżiji sbieħ u interessanti. Jimbuttani l-proża ta' JJ Camilleri fejn fiha jitkellem dwar żmien ilhu meta l-ġenituri kienu jagħażlu huma jaċċettawx l-istat ta' uliedhom.' (sic)*

► *' Fit-tema Karattri hemm poeżiji u prozi sbieħ li jimbuttawni lejhom...' (sic)*

7.0.4 6B TEMA: ĠRAJJA U IDENTITÀ

Ftit kienu l-kandidati li wieġbu din il-mistoqsija. Il-kandidati kellhom jiktbu dwar it-tliet elementi importanti tal-identita` Maltija: l-ilsien, l-imħabba lejn il-pajjiż u l-fidi. Għalkemm il-mistoqsija kienet ċara mhux il-kandidati kollha rnexxielhom joħorġu fejn kien hemm il-patrijottiżmu jew il-fidi fil-poeżiji jew siltiet ta' proża li għażlu. Oħrajn għażlu siltiet tajba ta' proża bħal 'Il-Fidwa tal-Gżejjer', 'Il-Malti –L-Ilsien Nazzjonali Tagħna' jew il-poeżiji 'L-Għanja tar-Rebħa', 'Rewwixta', u 'Jum Ir-Rebħ'.

Bħas-soltu xi kandidati vvintaw ismijiet ta' poeti, prożaturi, poeżiji u siltiet. Xi eżempji żbaljati:

► *'Fidwa ta' Dun Karm...'(sic)*

► *'Il-poeproża Rebħa....' (sic)*

► *'Malta Art Twelidi ta' G Pisani...' (sic)*

Xi kandidati rnexxielhom joħorġu b'mod tajjeb kif il-Maltin rebħu kontra Monroi, jew kif rebħu lit-Torok fl-Assedju l-Kbir fl-1565, imma oħrajn m'għandhom ebda idea dwar il-ġrajja u l-identità Maltija mnaqqxa wkoll fl-iStorja ta' Malta. Pereżempju:

► *'...u wara l-innu inglish minflokk malti, filwaqt li Anton Vassalli qabad qam bil-wieqfa u beda jkanta l-innu malti waqt il-partita l-maltin bdew ikantaw miegħu b'leħen għoli.' (sic)*
► *'Dak iż-żmien konna taħt idejn l-Ingliżi u Dun Gorg Preca kien għadu kif għamel l-innu Malti.' (sic)*

► *'Il-fidwa tal-Gżejjer seħħet fi żmien l-Ingliżi.' (sic)*

► *'F'Rewwixta, f'dawk iż-żmenijiet il-Maltin ġġieldu fuq is-sur mal-Kavallieri fejn dawn kienu qagħdu jgħixu Malta.' (sic)*

► *'Fis-silta il-Fidwa tal-Gżejjer, tittratta fuq l-assedju l-kbir li kienet ġlieda bejn il-Maltin u t-Torok. Il-kavallieri flimkien mal-Maltin iggieldu u mietu għal Malta biex Malta art twelidom tkun indipendenti.' (sic)*

## 8.0 <u>It-Tieni Karta 2B - Referenza għall-Kuntest</u>

Ħafna kandidati ma qrawx l-istruzzjonijiet mogħtija fuq il-karta tal-eżami tajjeb. Kien hemm kandidati li wieġbu l-mistoqsijiet tal-erba' referenzi għall-kuntest u mbagħad ma wettqux komponiment letterarju wieħed. Kandidati oħra wieġbu ż-żewġ mistoqsijiet mill-istess taqsima, jiġifieri ż-żewġ poeżiji jew iż-żewġ siltiet ta' proża, u ma wieġbu l-ebda komponiment letterarju għalkemm kien hemm xi wħud li wieġbu għal dawn permezz ta' paragrafu wieħed.

### <u>8.0.1(a) IŻ-ŻABRA, VICTOR FENECH</u>

Kien hemm numru ta' kandidati li wieġbu l-mistoqsijiet mogħtija b'mod li l-mistoqsija ġiet imwieġba nofsha. Kien hemm ukoll min ta tweġiba ħażina saħansitra b'interpretazzjoni żbaljata tax-xogħol letterarju. Dan ħareġ ċar f'mistoqsija (a) fejn kien hemm numru ta' kandidati li minflok kitbu fi kliemhom, ikkupjaw prattikament kelma b'kelma l-poeżija kollha minbarra li kien hemm min ħoloq interpretazzjoni għalih/għaliha bħal pereżempju:

► *'Il-poeta ma jistax isib serħan għax qiegħed jara lill-kaċċaturi joqtlu l-għasafar.'* (sic)

► *'Is-siġra nixxffet u qaċtula l-weraq għax il-pirati ma kienux jagħta l-ilma.'* (sic)

Mill-banda l-oħra diversi kandidati oħrajn dehru li waslu biex jifhmu ma' xiex il-poeta kien qiegħed iqabbel is-siġra li kienet mistoqsija b(i). Madankollu kien hemm oħrajn li nsew li kien qiegħed iqabbilha mal-mara l-ħoxna u taw ħafna tweġibiet li kienu żbaljati. Bosta tweġibiet ħżiena jipperpetwaw ruħhom għall-mistoqsija b(ii) fejn il-kandidati kienu mitluba li jagħtu x'effett joħloq dan ix-xebh. Eżempju ta' dan kien hemm min qal li jqabbilha ma' mara ħoxna għaliex ' *...kinu jpoġġu ħafna nisa ħoxnin taħta.' (sic).* Għall-mistoqsija ċ(i) kien hemm bosta żbalji.

Madankollu kien hemm numru żgħir ta' kandidati li wieġbu tajjeb. Imma dawn il-kandidati baqgħu lura li jagħtu tweġibiet tajbin għall-mistoqsija ċ(ii). Ngħidu aħna, fit-tweġiba għall-

mistoqsija, għadd ta' kandidati kitbu li "Iż-Żabra" hija taħlita ta' poeżija u proża, mingħajr ma kitbu x'hemm poetiku u x'hemm prożajku fiha. Pereżempju:

► *'Imħallta bejn ġiex tipi ta' poeżija u proża.'* (sic)

► *'...għax għandha poeżija u storja.'* (sic)

► *'...għax hija poeżija u proża fl-istess ħin.'* (sic)

Għall-mistoqsija (d) kien hemm kandidati li wieġbu tajjeb u taw żewġ raġunijiet għaliex din il-poeżija għandha tagħmel sehem mit-tema l-Protesta. Oħrajn, li kienu fil-maġġoranza, ħallew din il-mistoqsija mingħajr tweġiba.

8.0.2(b) JUM IR-REBĦ, RUŻAR BRIFFA

F'din ir-referenza għall-kuntest, bosta kandidati taw importanza esaġerata lir-rakkont dwar il-logħba futbol, u diversi minnhom anki kitbu r-riżultat tal-logħba meta dan il-fatt Briffa ma jirreferix għalih. Injoraw l-importanza li ta Rużar Briffa lill-fatt li n-nies kienu qegħdin jipprotestaw kontra l-ħakkiem barrani. Dan joħroġ ċar mill-maġġoranza tat-tweġibiet tal-kandidati għall-mistoqsija (a). Sfortunatament bosta kandidati ħallew mistoqsija b(i) u (ii) mingħajr tweġiba. Dawk li għamlu ħilithom biex iwieġbuha tħawwdu dwar x'inhi l-figura tat-taħdit għall-kelma 'ngħas'. Minflok metafora kitbu:

► *'Din hi figura ta' anafora.'* (sic)

►' *...personifikazzjoni...'* (sic) u saħansitra li:

► *'Il-figure tat-taħdit hi għax kellhom in-ngħas u raqdu wara l-loba...'* (sic)

Għal dawk li ppruvaw iwieġbu dwar l-effett li joħloq il-poeta b'din il-figura tat-taħdit kien hemm min qal li:

►*'...il-Maltin kienu għajjennin għax l-loba kienet twila..'.* (sic)

Numru żgħir ta' kandidati kitbu t-tweġiba tajba għall-metrika fil-mistoqsija (ċ) u ftit oħrajn kitbu wkoll li l-vers tal-poeżija huwa wieħed *"martelljan."* Fil-mistoqsija (d), kien hemm kandidati li wieġbu bejn wieħed u ieħor f'dan is-sens:

► *'...għaliex fiha naraw lill-Maltin jipprotestaw...'* (sic)

► *'...dak inhar il-Maltin qamu jipprotestaw.'* (sic)

Imma qatt ma taw raġuni għaliex u dwar xiex kienu qegħdin jipprotestaw.

Minħabba l-fatt li Mikiel Anton Vassalli huwa magħruf bħala "Missier il-lingwa Maltija", fil-mistoqsija (e) bosta studenti għamlu enfasi fuq kemm Vassalli ħadem għall-ġid tal-ilsien Malti u żiedu li issa Mikiel Anton Vassalli se jsib il-mistrieħ għax il-lingwa Maltija se jkollha dak li jistħoqqilha (mingħajr l-iċken referenza għall-Innu Malti). Ftit kienu dawk li taw tweġiba tajba. Xi kandidati waslu biex jiktbu li *"Vassalli kien Protestant,"* (sic) mhux fis-sens ta' twemmin reliġjuż, imma għax f'ħajtu kien ipprotesta! Kien hemm ftit kandidati li qalu li l-Maltin ipprotestaw għax il-banda daqqet:

► *"...l-Innu Malti tal-Ingilterra."*

8.0.4(a) IR-RABA' TA' SAMWEL, FRANS SAMMUT

Bosta kienu l-kandidati li wieġbu għall-mistoqsija (a). Kien diffiċli li wieħed ma jinnutax il-ħakma tan-notamenti, studju bl-amment mingħajr ma l-kandidati jagħmlu sens minnu. Fil-mistoqsija (b) kien hemm numru konsiderevoli ta' studenti li fehmu r-referenza "Noe bla leħja" letteralment, u kitbu kliem bħal pereżempju:

► *'...b'Beneditt u Noe (bla leħja) fuq id-dgħajsa...'* (sic)

► *'...huwa kien iħobb imur bid-dgħajsa...'* (sic)

► *'...kien iħobb joħroġ bid-dajsa tiegħu...'* (sic)

► *'...ferħan bid-dgħajsa li kien bena biex jipproteġi l-animali.'* (sic)

Fit-tweġiba għall-mistoqsija (ċ)i, diversi kandidati ma fehmux is-silta. Kitbu li r-razzett ta' Samwel kien maħdum, nadif u pulit filwaqt li ta' Beneditt kien niexef qoxqox. Madankollu kien hemm numru konsiderevoli li jaqbeż lil ta' qabel li wieġbu tajjeb, jiġifieri li r-razzett ta' Samwel kien mitluq u ta' Beneditt maħdum u kkoltivat. Il-maġġoranza tal-kandidati ma wieġbux għall-mistoqsija (ċ)ii rigward il-konsolazzjoni li ħass Samwel dwar ir-razzett tiegħu u ta' Beneditt.

Għall-mistoqsija (d) ħafna mill-istudenti spjegaw il-kelma "battal" bis-sinonimu tagħha, bħal:

► *' ...ħasu vojt.'* (sic)

► *' ...ħass l-vojt'*(sic)

► *'...kien qegħed iħossu vojt.'* (sic)

► *'...ħass vojt ġo fih.'* (sic)

► *'...il-vojt kbir li qed iħoss ġewwa fiħ.'* (sic)

8.0.4(b) IR-RIBELLI, J.J. CAMILLERI

Ftit kienu dawk il-kandidati li għażlu din ir-referenza għall-kuntest u dawk li wieġbu għal din it-taqsima ftit wieġbu għall-mistoqsijiet kollha. Madankollu, dawk li għamlu dan għall-mistoqsija (a), l-eżaminaturi sabu numru kbir ta' kandidati li kkopjaw partijiet twal mit-test kelma b'kelma u xi drabi kien hemm kandidati, li sfortunatament, avolja jafu li dan huwa eżami pubbliku u uffiċjali nqdew b'vokabularju baxx biex ifissru li Petriga kienet tipprostitwixxi ruħha meta, ta' min jgħid, li dan ma kienx il-każ.

**9.0 It-Tieni Karta 2B – Il-komponiment letterarju**

Hawn tajjeb li nwasslu l-messaġġ li mhux għax il-kandidati jkunu għażlu Karta B ma jżommux mat-tul mistenni minnhom f'din il-karta. Kien hemm bosta kandidati li kitbu ftit sentenzi li ma jammontawx għal aktar minn 50 kelma u kandidati oħra li kitbu komponiment ta' ftit sentenzi bi kliem vulgari u mhux xieraq li joħroġ minn kandidati li suppost għandhom għarfien tal-Malti għal bosta snin u li jafu li qegħdin jagħmlu eżami pubbliku u uffiċjali.
9.0.1 5A TEMA : TIFKIRIET

Xi kandidati, jew għax ma jkunux studjaw is-siltiet/poeżiji sew għal dan il-livell, jew għal xi raġunijiet oħrajn, ma għamlu l-ebda referenza għal xi poeżija jew proża: kitbu biss komponiment ġenerali fil-forma ta' storja dwar "Tifkiriet". Kandidati oħrajn kitbu komponiment ġenerali dwar kif inbidlu l-affarijiet mill-imgħoddi għall-preżent, mingħajr ebda referenza letterarja.

Numru żgħir ta' kandidati partikolari, minflok ma wieġbu l-mistoqsija, ikkopjaw kelma b'kelma l-poeproża *Iż-Żabra* mill-karta tal-eżami nnifisha. Kull xogħol tal-kandidati jiġi analizzat sew u min jaħseb li se jieħu l-marki għalxejn jiġi mqarraq.

Xi studenti ma weġbux skont dak li kien mitlub mill-mistoqsija (a). Diversi minnhom irreferew għal silta/poeżija waħda biss, meta l-mistoqsija kienet titlob speċifikament li jirreferu għal mill-inqas żewġ siltiet – jiġifieri jew żewġ siltiet ta' proża jew żewġ poeżiji. Barra dan, diversi kandidati ma tawx importanza lit-tqassim tal-komponiment tagħhom u kitbu kollox f'paragrafu wieħed, mingħajr daħla jew għeluq. Interessanti li kien hemm minn kiteb daħla u għeluq biss, b'nofs paġna bejniethom vojta! Bħala eżaminaturi nixtiequ nifhmu għaliex dan...forsi għax ikunu studjaw id-daħla u l-għeluq bl-amment minn fuq in-noti mogħtija?

Żball komuni kien li diversi kandidati ma għarfux eżattament xi tfisser "nostalġija." Għalihom nostalġija kienet kull forma ta' tifkira, anki jekk kienet kerha. Kitbu dwar:

► *'...in-nostalġija kera...'* (sic)

► *'...nostalġija ta' niket'*... (sic)

► *'...nostalġija mhux daqshekk sabiħa.'* (sic)

► *'...nostalġija tal-passat kemm waħda sabiħha kif ukoll waħda kera'*(sic)

► *'...nostalġija tan-niket.'* (sic)

Minkejja dan kollu, kien hemm numru ta' kandidati li kitbu komponiment tajjeb, b'daħla u għeluq tajbin u fejn semmew bosta xogħlijiet letterarji li kienu mistennija minnhom biex iwieġbu l-mistoqsija fosthom "Żjara lil Ġesu'" fejn taw l-aspetti tat-tifel ferħan, l-ewwel tqarbina u l-mewt ta' ommu, "Tifkiriet tal-Imgħoddi" fejn bosta kandidati kienu ċari fil-ħsieb u ndikaw il-misraħ li kien sabiħ fl-imgħoddi għax kien mimli ħajja iżda li llum il-ħajja spiċċat fih u "Niftakar" fejn interpretaw il-ferħ taż-żwieġ imbagħad in-niket tal-mewt ta' mart il-poeta.

<u>9.0.1 5B TEMA: IR-RISPETT FIL-FAMILJA</u>

Żball komuni f'dan il-komponiment letterarju kien li ħafna kandidati jew ma qrawx il-mistoqsija b'attenzjoni jew ma fehmuhiex, għax għamlu referenza għal poeżiji li fihom jidher ir-rispett tal-ulied lejn il-ġenituri (li huwa l-kuntrarju ta' dak mitlub mill-mistoqsija, jiġifieri r-rispett min-naħa tal-ġenituri lejn l-ulied). B'mod partikolari numru kbir ħafna ta' kandidati għamlu referenza għall-poeżija "Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti" jew "Demgħat tas-Silġ". L-eżaminaturi jemmnu li li kieku l-kandidati qraw sew il-mistoqsija kienu faċilment jiftakru f'xogħlijiet bħal "Mur Orqod Binti" fejn il-poeta-missier ried li jipproteġi lil bintu mill-kruha tal-mewt, kif ukoll "Sentiment" fejn il-poeta-missier ried ifissed lil bintu sakemm għadha żgħira.

Kien hemm fil komuni, mifrux prattikament f'numru konsiderevoli ta' skripts fejn il-kandidati rreferew għas-silta ta' proża "Ir-Raġel tal-Klieb" (li diġà ma nsibux ulied fiha!) u ntilfu jirrakkontaw kif il-klieb kielu mill-ġisem mejjet tar-raġel wara li dan ma temagħhomx. Minbarra dan, numru żgħir ta' kandidati jew kitbu komponiment ġenerali dwar il-familja, mingħajr referenza waħda għal xi poeżija jew proża, jew minflok ikkupjaw kelma b'kelma waħda mis-siltiet ta' proża li kien hemm bħala referenza għall-kuntest fil-karta tal-eżami; f'dawn iż-żewġ każi kkupjaw is-silta *Ir-ribelli.*

<u>9.0.2 6A TEMA: KARATTRI</u>

Għal darb'oħra jidher li bosta kandidati ma fehmux il-mistoqsija li kienet dwar "karattri li jimbuttawk" għax ħafna fehmu "jimbuttawk" bħala xi forza li tgħinek tifhem xi ħaġa. Insibu eżempji ta' dan it-tip:

► *'Din il-mara* [Mananni] *għenitni u imbuttatni biex biex jien nifhem li ħadd mhu importanti minn ħaddieħor.'*(sic)

► *'...silta oħra li timbuttak 'l-quddiem...'* (sic)

► *'Il-karattru tat-tabib Grima huwa ferm pożittiv u nemmen li huwa karattru li jimbuttani għat-tajjeb.'* (sic)

► *'...il-karattru tat-tabib* [Grima] *jimbuttani 'l quddiem.'* (sic)

► *'Karattru tajjeb huwa dak li jimbuttak.'* (sic)

► *'Dawn il-karattri* [Mananni u t-Tabib Grima] *jaffaxxinawni u jimbuttawni fil-ħajja tiegħi.'* (sic)

Biex tkompli żżid ma' dan kien hemm numru żgħir ta' kandidati li kitbu li l-karattri li jimbuttawhom huma l-poeti li studjaw ix-xogħlijiet tagħhom, filwaqt li minkejja li kien speċifikament indikat fil-mistoqsija li l-kandidati għandhom jirreferu għal mill-inqas żewġ karattri, kien hemm numru sostanzjali li rreferew għal karattru wieħed biss. B'dispjaċir l-eżaminaturi rrimarkaw li ħafna mill-kandidati ma jafux jagħmlu distinzjoni bejn il-Malti mitkellem u dak miktub. Kien hemm numru sostanzjali li ma użawx kelma aktar addattata u xierqa f'eżami uffiċjali minn dik li forsi mdorrijin jgħidu fil-mitkellem:

► *'...jitmejlu.'* (sic)

► *'...ifottih...'* (sic)

► *'...piki fuq iċ-ċuċati...'* (sic)

<u>9.0.2 6B TEMA : ĠRAJJA U IDENTITÀ</u>

Fil-mistoqsija kien mitlub li l-kandidati jiktbu dwar "L-ilsien Malti, l-imħabba lejn il-pajjiż u l-fidi..." Biss, numru konsiderevoli ta' kandidati njoraw dan. Il-maġġoranza kitbu dwar karatteristika waħda biss, il-patrijottiżmu.

Ħafna mill-kandidati ma qalux li l-ilsien Malti hu karatteristika importanti li tagħtina identità. Ftit kienu dawk li rreferew għas-silta "Il-Malti – L-Ilsien Nazzjonali Tagħna", li tista' tgħid hija l-aktar silta li tittratta dwar din il-karatteristika. Xi kandidati kitbu komponiment ġenerali dwar l-ilsien Malti, b'ħafna tidwir mal-lewża, mingħajr ebda referenza għal xi xogħol letterarju filwaqt li jafu li qegħdin jagħmlu eżami tal-letteratura. Mill-banda l-oħra, kien hemm kandidati li kitbu dwar l-ilsien Malti biss, u ma tkellmux dwar l-imħabba lejn il-pajjiż kif ukoll il-fidi.

Numru kbir ta' kandidati rreferew għall-'Innu Malti' bħala waħda mill-poeżiji li juru l-identità tagħna meta din mhijiex fis-sillabu. Minbarra dan, l-eżaminaturi nnotaw li kultant ċerti kandidati jew ma jkunux studjaw it-testi jew ma jinteressahomx x'hemm miktub fil-mistoqsija. Saħansitra kien hemm kandidati li kitbu fuq "Jum ir-Rebħ" u "Iż-Żabra", żewġ xogħlijiet letterarji li kienu mogħtija fuq il-karta tal-eżami. Kien ikun għaqli li l-kandidati kitbu dwar l-ilsien billi ndikaw ix-xogħol "Il-Malti – L-Ilsien Nazzjonali Tagħna", dwar l-imħabba lejn il-pajjiż billi trattaw "Il-Fidwa tal-Gżejjer", "L-Għanja tar-Rebħa" u "Rewwixta" u dwar il-fidi billi semmew "F'Ħaġar Qim" u "L-Għanja tar-Rebħa".

## 10.0 Għeluq

L-eżaminaturi jittamaw li dawn l-osservazzjonijiet mhux biss jaslu għand l-għalliema iżda wkoll ikunu f'idejn l-istudenti li se jagħmlu l-eżami fl-2013. Dan ir-rapport jagħti ħafna informazzjoni biex tkun mixtarra sew bit-tama li n-nuqqasijiet indikati ma jirrepetux ruħhom.

Iċ-*Chairperson*
Il-Bord tal-Eżaminaturi

Mejju 2012